*Kunsill Lokali Marsaskala*
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 63**

**It-Tnejn 25 ta' Settembru 2017**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala ltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 228 Triq is-Salini Marsaskala fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Desiree Attard – Viċi Sindku
Charlot Mifsud- Kunsillier
Elizabeth Cassar- Kunsillier
Sandro Gatt – Kunsillier
Daniel Spiteri – Kunsillier
Lawrence Ciantar- Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Charlot Cassar - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġiji

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv



**Minuti**

**63.1** ***<u>Qari tal-ittri ta' apoloġiji:</u>***

**63.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apolġiji

**63.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 62 tat-28 ta'Awwissu 2017:</u>***

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt qal illi l-aħħar paragrafu ta' punt nru 62.7.2 ta' paġna 9 irid jinbidel u jinqara kif ġej.

*''Sar qbil li l-Kunsill ma joġezzjonax u lanqas jaqbel ma dan il-proġett''.*

*Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar ipproponiet l-approvazzjoni tal-minutikif emendati u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda l-votazzjoni kienet 4 favur, 0 kontra u 2 astenzjoni.*

Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**63.2.1** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard irrimarkat fuq paragrafu 62.2.2 ta' paġna 2 fejn qalet li l-arma tal-Kunsill li hemm fil-bandli Pjazza Mifsud Bonnici mkisra.

Is-Segretarju Eżekuttiv wiġieba illi din ser titneħħa u jsir paviment jew konkos minflok.

**63.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk kellniex risposta fuq ix-xogħol ta' tindif tal-magħluq ta' paġna 5 paragrafu 62.3.1.

Is-Sindku qal li kellu laqgħa u ltaqa mal-Ministru Hererra li huwa responsabbli mil-ERA u infurmah illi ix-xogħolijiet ser jibdew dalwaqt. Fil-fatt intbagħtu anke korrispondenzi eletroniċi.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar daħal għal laqgħa fis-5.40pm.***

**63.2.3** Il-Kunsillier is-sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 62.2.6 jekk konniex bagħtna lil Green Mt fuq il-*cameras* li kellhom jinstallaw.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li konna bagħtnilhom imma bqajna bla risposta.

Is-Sindku qal li l-aħjar li ssir laqgħa mal-Green MT.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk irċevejniex il-flus pendenti li għad għandna.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-flus għas-sena 2015 u 2016 għadna ma rċevejniehomx u ser jkollna problema anke mal-awdituri speċjalment fuq il-flus tas-sena 2015. Huwa kompla jispjega illi f'Novembru jagħlaq il-kuntratt magħhom u s-soltu f'Ottubru nibgħatu ittra kemm lil Green Mt u l-Greenpak sabiex jissottmettu l-offerta tagħhom. Huwa kompla jgħid li l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar kien issuġġerixxa illi din id-darba l-proposti nitolbuhom aħna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni illi il-ġbir tal-iskart riċiklatt jsir darbtejn fil-ġimgħa u nnaqsu mil-*bring in sites* li għandna. Huwa kompla jgħid illi min għandu dar żgħira qed jsib problema illi jkollu ġieli jkollom żewġ boroż mimlijien u jrid jistenna ġimgħa sabiex jarmihom. Huwa qal li hemm bżonn li ssir kampanja speċjalment fejn hemm l-appartamenti.

Is-Sindku assultament ma qabilx illi jitnaqqsu il-BIS iżda qabel illi tiżdied ġabra oħra fil-ġimgħa.

Is-Sinjura Desiree Attard qalet li fil-lokalita ta' Birżebbugia jqasmu fuljett żgħar informattiv ħafna.

Is-Sindku qal illi l-informazzjoni min-naħa tagħna tingħata fuq il-magazin. Huwa żied jgħid illi rigward tal-ħġieġ kull residenza għandha nformazzjoni.

Il-Kunsill qabel illi fil-proposta li ser issir kemm lil Greenpak u Green Mt għandna nitolbu illi l-ġbir tal-iskart riċiklatt jinġabar mid-djar darbtejn fil-ġimgħa u jitnaqsi xi bring in sites minn xi sit jew tnejn.

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għal laqgħa fis-5.50pm.***

63.2.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 paragrafu 62.2.5 rigward it-twaqqiegħ tal-bini tal-eks Jerma Place Hotel.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi konna għaddejna l-informazjoni kollha lil Kunsilliera u qalilhom illi għadhom qed jiddiskutu fuq it-tabelli tal-*enforcement*.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-assurdita hija li fil-media semmiet illi waqt l-appell ntqal li din il-binja ma tkerraħx.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar talab biex niċċekjaw fuq l-outcome.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li la bqajna mingħajr risposta għanda issir l-press conference.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li qed jistennew l-*outcome* tal-bord tal-appell.

Il-Kunsill qabel unanimament illi naraw l-*outcome* u tiġi diskussa fil-laqgħa tal-kunsill li jmiss.

63.2.5 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 6 paragrafu 62.3.5 rigward id-dawl tal-Milied għaliex mil-korrispondenza li konna rċevejna jidher li mhux ser jikkommettu għad-dawl tal-Milied u l-biża tiegħu hija li nispiccaw bla armar tal-Milied din is-sena. Huwa kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu għandna nġibu kwotazjonijiet sabiex inkunu preparati jekk id-dawl tal-Milied ma jsirx min-naħa tal-Wasteserv.

Is-Sindku ċempel lis-Sur Montebello CEO Wasteserv sabiex jikkonferma fuq id-dawl tal-Milied u r-risposta kienet waħda pożittiva li d-dawl tal-Milied ser ikun provdut minn naħa tagħhom bħas-snin preċedenti. Huwa kien ser jibgħat korrispondenza eletronika ġurnata wara biex jikkonferma dan.

63.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 9 paragrafu 62.7.2 jekk konniex ktibna lil ERA rigward il-ħmieġ tal-baħar u rigward il-fdalijiet li fadal wara l-ħruq tal-Wasteserv.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-ERA nfurmajnihom fuq il-fdalijiet li fadal wara li nħaraq ir-riċiklaġġ iżda bi żvista ma nfurmajnihomx fuq il-ħmieġ tal-baħar.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li r-residenti taż-Żonqor ma setgħux jistaportu bir-riħa ta' żejt li kienet ġejja mil-baħar. Huwa kompla jgħid li jista jkun ġejja mil-ikel tal-ħut li qed jgħatu fil-*fishfarms*. Huwa qal li is-sidien tal-*fishfarms* huma marbutin b'kundizjonijiet u għandna nibgħatu lil ERA sabiex jaraw jekk dawn is-sidien hux qed jaderixxu mal-kundizjonijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nibgħatu lil ERA u lit-TMalta fuq din il-problema.

63.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem fuq paġna 9 paragrafu 62.7.8 fejn qal illi n-Nexos ma jistax jagħtina kwotazzjoni fuq il-fustun għaliex mhux imdaħla fit-tender tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għalhekk tlabna lil MTA sabiex jgħamluh min-naħa tagħhom sabiex ma noqodux noħorġu rikjesta għal kwotazjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu konferma min-naħa tal-MTA jekk hux ser jsir min-naħa tagħhom filkas terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

63.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 11 paragrafu 62.9.2 jekk identifikajniex it-toroq sabiex jsir parkeġġ għar-residenti.

Is-Sindku wieġbu illi ser issir laqgħa mas-Sur Michael Cohen fi ħdan it-TMalta u jekk jaqblu fuq il-prinċipju jintgħażlu t-toroq.

**63.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**63.3.1** **<u>Humped crossing fi Triq il-Qaliet:</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi ż-żewġ *sleeping policeman* li hemm fi Triq il-Qaliet bejn il-JS Ironmongery u San Tomaso Restaurant u hemm oħra fi Triq La Sengle huma għoljin ħafna u qed jissuġerixxa illi inwessawhom sabiex inkun nistgħu mbaxxuhom. Huwa qal ukoll li hemm bżonn jinxtraw *cats eyes* biex jitwaħħlu max-xifer tagħhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi dawn it-tlett *sleeping policeman* inwessahom sabiex jitnaqqas 'il-*gradient*' tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal l-*isleeping policeman* ta' faċċata tal-Js Ironmongery ta' Triq il-Qaliet qed iżomm ħafna ilma u kellha jsir kanal iżda għadu ma sarx.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa għalfejn għada ma tressqitx il-Bus stop u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien ltaqa mal-kuntrattur li talbu €200. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċetta imma baqa ma ġiex.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal laqgħa fis-6.20pm.***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-*isleeping policeman* għandhom jsiru skond l-ispeċifikazjonijiet tat-TMalta.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ta Triq tal-Gardiel ta ħdejn il-Fornaio Bakery qed iżomm ħafna ilma u anke qed jerqu il-garaxxijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li mar fuq il-post u jidher illi it-triq ma fijiex qlib biżejjed.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nċeknu l-isleeping policeman sabiex ilma jibqa għaddej.

**63.3.2** **<u>Triq l-Iskal:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi kienet saret biċċa bankina f'din it-triq ħdejn il-postijiet tal-gvern pero` hemm bżonn li titkompla il-kumplament tal-bankina li hemm madwar 100 metru.

Il-Kunsill qabel dwar dan.

63.3.3 **Bankina ħdejn il-Magħluq fi Pjazza Mifsud bonnici**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issuġġerixxa illi l-bankina wiesgħa li hemm ħdejn il-Magħluq għanda tidjieq u anke jitneħħew il-*planters* li hemm faċċata ħalli titwessa it-triq miż-żewġ naħat.
Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lil Tmalta.

63.3.4 ***Karnival f'Marsaskala:***

Is-Sindku tkellem fuq l-attivita' tal-Karnival f'Marsaskala u qal illi kuntent ħafna b'kif marru l-affarijiet u li din l-attivita għal darb' oħra kienet ta' suċċess. Huwa kompla jgħid illi dan mhux qed jgħidu hu, iżda il-popolin kif ukoll il-Kunsill Malti tal-Arti.

63.4 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

63.5 **Rapporti:**

Ma kien hemm l-ebda rapport.

63.6 **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkun meħtieġa.**

Ma kienx hemm items oħra

63.7 **Rikors tal-Appell mingħand Shaban Abdel Ghany – Kunsill Lokali Marsaskala vs Awtorita tal-Ippjanar u l-kjamata in kawża Shaban Abdel Ghany ( Country view – Pizza by Luca). Din il-kawża saret wara li l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala rebaħġ l-appell**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi wara li rbaħna l-appell is-Sur Shaban Abdel Ghany fetħilna rikors tal-appell fil-Qorti ta' Malta. Huwa nforma lil Kunsilliera illi ltaqa mal-Avukata tal-Kunsill u bagħtna ir-risposta tagħna.

Is-Sindku qal li sid dan l-istabbiliment xorta qed joħroġ ta' kuljum, siġġijiet u mwejjed fuq il-bankina fil-ġenb.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li fi Triq id-Daħla ta' San Tumas ftit il-fuq mir-ristorant tac-Chinese kienet waqet kamra antika u l-ġebel tagħha qiegħed fit-triq u għandu s'hemm issa.

Il-Kunsill qabel unanimament li niktbu lil TMalta

➢ ***Il-Kunsilliera s-Sur John B. Camilleri, is-Sur Charlot Cassar u s-Sur Sandro Gatt ħarġu mil-laqgħa fis-6.40pm minħabba laqgħa oħra li kellhom.***

63.7.1 ***Laqgħa mal-Onorevoli Bonnici li saret fit-28 ta' Awwissu 2017:***

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li nhar il-Ħamis 28 ta' Settembru ser jiltaqgħu mal-Onorevoli Bonnici bħala follow up tal-laqgħa li kellhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab biex waqt il-laqgħa mal-Onorevoli Bonnici nresqu l-ilmenti tagħna fuq il-mod ta kif saret ristretta l-aġenda, l-Kunsilliera ma jistgħux jresqu xejn li jinqala b'urġenza.

**63.7.2** ***Bżonn li jinxtara sage software ġdid kif ukoll kompjuter ġdid għalih sabiex tkun tista issir data migration u nibdew naħdmu bis-software il-ġdid:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi minħabba dan is-*software* kellu jinxtara computer ġdid għaliex jrid ikun kompjuter modern.

**63.7.3** ***Risposta dwar Public Domain mingħand is-Sur Joseph Scalpello:***

Is-Sindku qal li iltaqa mal-eks Imħallef Farrugia Sacco ċ-*Chairman* tal-bord ikkonċernat u infurmah li qed jiddiskutu l-*issue tal-public domain*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ktibna biex nistaqsu jekk għaddewx l-punti tagħna, u huma qalu li l-aktar li jiġu kkunsidrati huwa meta jkunu min-naħa tal-lands u l-ministeru pero` ma ikkonfermawx jekk għaddewx jew le.

**63.7.4** ***Talba għal kumpens mingħand s-Sinjura Alison Aguis.***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li s-Sinjura Alison Aguis qed titlob rimbors tal-ispejjeż li ġarbet wara li żelqet fuq bankina tiżloq fi Triq Sant'Antnin. Huwa kompla jgħid li fil-preżent il-bankina ġiet irranġata.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet li l-bankina veru kienet tiżloq u hemm biċċa oħra tiżloq fi Triq Ġebel Ħanxul iktar 'l-fuq.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nirrimborsjaw lis-Sinjura Alison Aguis is-somma ta' €100.00 bħala *full and final settlement*.

**63.7.5** ***Ittra mingħand l-Onorevoli Aguis Decelis biex il-Kunsill jinnomina persuna anzjana għal Premju Anzjanita` Attiva:***

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi ħarġu n-nominazzjonijiet tal-Premju Anzjanita Attiva liema nominazzjonijiet huima miftuħa bejn l-1 ta' Settembru 2017 u s-6 t'Ottubru 2017 u stieden lil Kunsilliera illi jekk jafu xi anzjan li jridu jinnominaw jistgħu jgħidu minn hu.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri innomina lis-Sur Joseph Micallef għal Premju Anzjan Attiva`.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar innomina lis-Sinjura Carmen Deboni bħala Premju Anzjan Attiva`.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar innomina lis-Sinjura Carmen Fearne u s-Sur Fredrick Fearne għal Premju koppja miżżewġa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud innomina lis-Sur Wallace Casingena għal Premju Anzjanita' Akkademika u lis-Sur Charlie Chetcuti bħala Premju Anzjanita` Sportiva.

**63.7.6** ***Applikazzjoni PA7283/17 Applikazzjoni mil-Ministeru tat-trasport u infrastruttura dwar diving centre biswit il-Marsaskala pitch:***

Is-Sindku qal li hemm applikazzjoni min-naħa tal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex isir *diving centre* ħdejn il-water polo pitch kif tispiċċa r-rampa sabiex isir compressor room. Huwa kompla jgħid illi r-residenti tal-madwar jinsabu inkwetati minħabba l-istorbju u forsi xi periklu li jista jkun hemm. Huwa kompla jgħid illi kellhom jippreżentaw petizzjoni pero ma resquwiex.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi b'dan id-*diving centre* tisbiħ ser jkun hemm.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi l-istruttura skond il-pjanti mhux ser tkerrah. Huwa staqsa illi la jiġi allokat faċċata il-waterpolo pitch, il-bini preżenti li hemm x'ser jsir minnhu u għalxiex ser jibqa jintuża.

❖ Il-Kunsill qabel unanimamet sabiex nistaqsu lis-Sur Alex Muscat deputy chief officer fi ħdan l-OPM, sabiex nkunu nafu ser jsir minnu l-bini eżistenti li hemm.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nissuġerixxu illi d-*diving centre* jsir fil-binja eżistenti tal-*waterpolo pitch* fil-parti fejn hemm is-sala.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lil Kunsilliera illi l-Enemalta ser tkabbar is-*substation* ta' ħdejn il-family park.

❖ Is-Sindku qal illi il-plot li hemm imħafra fi Triq is-Salini ma Triq il-Gandofli u Triq il-Baħħara ser issir lukanda li tagħti fi Triq is-Salini u ġnien fuqha li jagħti fi Triq il-Baħħara.

❖ Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-applikazzjoni tal-AUM mixja u hemm bżonn li nniltaqgħu magħhom.

Is-Sindku wieġbu li tlabnijhom sabiex niltaqgħu iżda kien hemm problemi bejn b'safar u xogħol ieħor għalhekk trid tinstab data oħra.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li min qed jiżboh il-ħadid minn hdejn il-latrina tal-Jerma sal-Kunsill qed jiżboh bl-arbli tad-dawl b'kollox. Huwa kompla jgħid illi il-ħadid wasal fi stat li jinbidel u għandu nitolbu lil Ministru ikkonċernat sabiex jinbidel

Il-Kunsill qabel dwar dan.

**63.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>***

**63.8.1** Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-invoices li daħlu tard u ser jippreżenthom waqt il-laqgha:

- Nexos Street Lighting pagament bin0numru tal-invoice 1379 li jammonta għal €2260.99

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Kunsilliera illi in-numru taċ-ċekkijiet mhux qegħdin imniżlien kollha fil-lista tal-pagamenti għaliex bi żvista spiċċawlna ċ-ċekkijiet u qed nistennew li jġibulna iċ-ċekkijiet.

**63.8.2** Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatar staqsa fuq pagament nru.4979 ta' Ronald Bezzina tal-*istreet sweeping u extra works* għaliex ġie għoli.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li hemm l-extra works tal-iskips meta saret il-clean up min-naħa tal-MTA.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk il-kuntrattur il-ġdid tal-istreet sweeping ġabx il-lista tal-ETC tal-ħaddiema. Il-Kunsillier is-Sur Ciantar qal li qed jibgħat żewġ ħaddiema biss bil-karretta numru 2 u 4 ma jidrux.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għadu ma ġabiex.

***Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar ipproponiet l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni***

**63.9** ***Mozzjonijiet:***

Ma kienx hemm mozzjonijiet

- Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk fil-laqgħa plenarja hux ser tiġi diskussa il-proposta li l-ġbir tal-iskart hux ser jaqa taħt ir-reġjun.

Is-Sindku wieġbu illi mhux ħa naqblu ma din il-proposta.

**63.10** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2017 fis-6.00pm.

Konfermat illum 25 ta' Settembru 2017.

| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
|---|---|
| _______________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |